MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Numru. 1078/2009

**Illum 24 ta' Marzu 2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs**

**Thomas Spagnol ta' 35 sena, iben Anthony u Terese nee` Vella, imwieled 26 ta' Mejju 1974 Pieta, residenti, Fl6. Qasam Hal-Tmiem, Block J, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita 349174(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoniiet migjuba kontra l-imputat u cioe` talli nhar il-15 ta' Awissu, 2009, ghal habta tat-tlieta w nofs ta' filghodu (03.30am), minn gewwa Garden View, Triq is-Sidra, Swieqi, ikkommetta serq ta' laptop tal-marka Apple ghad-dannu ta' Glorianne Cassar, liema serq huwa

ikkwalifikat bil-'hin' u bil-'valur' (aktar minn Euro 233, izda anqas minn Euro 2330.)

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat u l-provi migbura l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat, il-fatt illi l-imputat hallas lil parte leza danni subiti minnha tant illi l-istess parte leza iddikjarat illi ma ghadx fadlilha l-ebda pretensjoni fil-konfront tieghu. Il-Qorti ser tqis il-fatt ukoll illi l-imputat ghandu bzonn ghajnuna biex jeghleb il-problemi li ghandu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(f)(c), 267, 270, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjubha fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b'applikazjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jonqos milli jsegwi l-ordnijiet mghotija lilu mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------